# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ~IVILI

## IM}ALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Illum il-}amis, 29 ta' Novembru, 2001.**

**Kawza Nru. 20.**

**~itazz. Nru. 1520/01 JRM**

**KORPORAZZJONI g]al ZVILUPP ta' MALTA**

**vs**

**George u Maria konju[i ATTARD**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta`-~itazzjoni li bih is-so`jeta' attri`i wara li ppremettiet:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli li j[ib id-data tal-wie]ed u g]oxrin (21) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sebg]a u disg]in (1997) (Dok "A"), il-Korporazzjoni g]al Zvilupp ta' Malta, f'isem il-Gvern ta' Malta, kienet ittrasferiet lill-konvenuti, b'titolu ta' cens temporanju g]al perjodu ta' ]amsa u sittin (65) sena dekorribbli mill-jum ta' l-att, porzjon ta' art fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Luqa li fiha l-kejl superfi`jali ta' `irka sebg]in lira maltija (Lm70), mmarkata b]ala Plot 11 li tinsab fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Luqa;

Illi l-imsemmija kon`essjoni enfitewtika [iet soggetta g]al diversi kundizzjonijiet perentorji, in-nuqqas ta' liema kien jimporta x-xoljiment ta' l-istess kuntratt skond is-subklawsola (b) tal-klawsola numru sbatax (17)(b) ta' l-imsemmi kuntratt;

Illi l-konvenuti naqsu milli josservaw diversi minn dawn il-kundizzjonijiet perentorji, u prin`ipalment illi jtellg]u fuq is-sit enfitewtiku bini permanenti li ma jqumx inqas minn ]amest elef lira maltija (Lm5,000) u dan fi \mien tnax-il xahar mid-data tal-]rug tal-permessi kollha me]tiega bil-li[i, b'dan illi dawn ix-xog]olijiet kellhom jinbdew fi \mien tlett (3) xhur minn mindu jin]areg il-permess relattiv;

Illi l-permess relattiv in]areg mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fit-tlieta (3) ta' Lulju 1999 skond il-permess li j[ib in-numru PA 05576/98 (Dok B);

Illi minn spezzjonijiet mag]mula minn uffi`jali tal-Korporazzjoni attri`i irrizulta illi g]adu ma sar l- ebda \vilupp ta' l-art in kwistjoni u dan bi ksur tas-subklawsola (a) tal-klawsola numru wie]ed (1)(a) tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli li j[ib id-data tal-wie]ed u g]oxrin (21) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sebg]a u disg]in (1997) (Dok A);

Illi l-konvenuti [ew imwissija diversi drabi mill-Korporazzjoni attri`i (Doks C u D) sabiex jinbdew u jitlestew ix-xog]olijiet li kellhom jitwettqu skond il- kuntratt fuq imsemmi, izda l-konvenuti g]a\lu illi jinjoraw dawn it-twissijiet;

Illi l-konvenuti [ew ukoll interpellati permezz ta' ittra uffi`jali (Dok E) sabiex jersqu g]ax-xoljiment ta' l-imsemmi kuntratt, izda baqg]u inadempjenti;

G]alhekk is-so`jeta' attri`i talbet lil din l-Onorabbli Qorti g]aliex m'g]andhiex g]ar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara xolta u ma]lula l-imsemmija kon`essjoni enfitewtika mog]tija b'att tan-Nutar Dottor Vincent Miceli u dan ai termini tas-subklawsola (b) tal-klawsola numru sbatax (17)(b) ta' l-istess kuntratt tal-21 ta' Novembru 1997;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jirrilaxxaw il-Plot bin-numru 11 li jinsab fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Luqa li [iet lilhom kon`essa b'titolu ta' cens temporanju bl-imsemmi att u jrodduha lura lill-Korporazzjoni attri`i;

3. Tillikwida d-danni li [ew subiti mill-Korporazzjoni attri`i min]abba n-nuqqas t'osservazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-kon`essjoni enfitewtika (Dok A) da parti tal-konvenuti u min]abba x-xoljiment eventwali ta' l-istess kon`essjoni enfitewtika;

4. Tikkundanna lill-konvenuti i]allsu lill-Korporazzjoni attri`i s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

5. Tikkundanna lill-konvenuti j]allsu lill-Korporazzjoni attri`i il-multi u l-penali kollha ezigibbli skond il-kuntratt tal-21 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli;

Bl-ispejjez u bl-img]axijiet skond il-li[i kontra l-konvenuti, inkluzi dawk ta' l-ittra uffi`jali ta' Marzu 2001, li minn issa huma n[unti g]as-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-so`jeta' attri`i;

Rat in-nota tal-konvenuti mressqa waqt is-smig] tal-lum u li biha ammettew l-ewwel u t-tieni talbiet kif dedotti fi`-`itazzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-Korporazzjoni attri`i li biha `ediet l-atti tal-kaw\a dwar it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-]ames (5) talbiet tag]ha;

Billi mill-ammissjoni limitata tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fi`-`itazzjoni jirrizultaw pruvati;

Il-Qorti qeg]da taqta' u tidde`iedi l-kaw\a billi:

Fuq ammissjoni tal-konvenuti dwar l-ewwel u t-tieni talbiet attri`i **tilqa' l-istess \ewg talbiet tas-so`jeta' attri`i** kif dedotti fi`-`itazzjoni;

U tastjeni milli tie]u konjizzjoni tat-tielet, ir-raba' u l- ]ames talbiet attri`i.

Tordna li l-konvenuti j]allsu solidalment bejneithom.

*29 ta' Novembru, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF. LL.D.**
**29 ta' Novembru, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru, 2001.**